A.L. 35 ta' l-1982

ATT TA' L-1975 DWAR IL-KORPORAZZJONI TELEMALTA

(ATT NRU. XVI TA' L-1975)

Regolamenti ta' l-1982 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Tariffi għal Servizz Telegrafiku u bit-Telex

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 37 ta' l-Att ta' l-1975 dwar il-Korporazzjoni Telemalta, il-Bord, bl-approvazzjoni tal-Ministru ta' l-Investimenti Parastatali u tal-Poplu, għamel ir-regolamenti li ġejjin:—

Titolu u bidu fis-seħħ.

1. (1) Dawn ir-regolamenti jistgħu jissejħu r-Regolamenti ta' l-1982 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Tariffi għal Servizz Telegrafiku u bit-Telex, u għandhom jinqraw u jiftiehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti ta' l-1977 dwar Tariffi għal Servizz Telegrafiku u bit-Telex, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejħa "ir-regolamenti prinċipali".

A.L. 67 ta' l-1977

(2) Dawn ir-regolamenti għandhom jibdew iseħħu fl-1 ta' Lulju, 1982.

Jemenda t-Tielet Skeda li tinsab mar-regolamenti prinċipali.

2. It-Tielet Skeda li tinsab mar-regolamenti prinċipali għandha tiġi emendata kif ġej:

(a) minflok il-paragrafu 6 tat-Taqsima I tagħha għandu jidħol il-paragrafu li ġej:

"6. Telegrammi għal bastimenti li jkunu fuq il-baħar

Jekk il-bastiment ikun jista' jiġi kkuntattjat bil-Malta-Radio, id-dritt ikun ta' 21 ċenteżmu kull kelma.

Jekk it-telegramm jintbagħat bil-Maritime Coast Station barra minn Malta, id-dritt ikun ta' 17-il ċenteżmu kull kelma b'żieda mar-rata kull kelma għall-pajjiż tal-Coast Station kif muri f'din it-Taqsima ta' din l-Iskeda."; u

(b) minnufih wara t-Taqsima II tagħha għandha tiżdied it-Taqsima ġdida li ġejja:

"TAQSIMA III

Servizz bit-Telex ma' bastimenti

	L-anqas ħlas (3 minuti)	Ħlas kull minuta oħra (sħiħa jew mhix)
Via HF Radio f'Ruma	£ 4.50,0	£1.50,0
Via Marisat	£10.50,0	£3.50,0"